**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 132**

It-Tnejn, 12 ta' Ġunju 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

Id-Deputy Speaker l-Onor. David Agius ippreseda.

**ATTENDENZA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon u l-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Davina Sammut Hili kienu msiefra fuq xogħol tal-Parlament.

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, l-Onor. Rebekah Borg u l-Onor. Deo Debattista kienu skużati.

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia, is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Chris Bonett u kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 131 li saret fis-6 ta' Ġunju 2023 kienu kkonfermati.

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li s-Sedja laqgħet it-talba tal-Onor. Jerome Caruana Cilia sabiex jidher bħala skużat fil-Minuti tas-Seduta 103 tas-16 ta' Ġunju 2023, u kienet qiegħda tordna illi ssir il-korrezzjoni relattiva fl-imsemmija Minuti.

**KUNSENS GĦALL-ATTI**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

- **Att XIX tal-2023** – Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2).

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

Id-Deputy Speaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1876 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Christine Vella Borda noe vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 42/2021 TA), deċiża fid-29 ta' Settembru 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien mas-sentenza tal-Appell datata 31 ta' Mejju 2023;

P.L. 1877 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Marie Montebello vs Catherine Bartolo et (Rikors Numru 37/2021 JVC), deċiża fit-28 ta' Ġunju 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien mas-sentenza tal-Appell datata 31 ta' Mejju 2023; u

P.L. 1878 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Ian Sammut et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 123/2021 LM), deċiża fil-11 ta' Mejju 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien mas-sentenza tal-Appell datata 31 ta' Mejju 2023.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 8886 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1879 Tabella li turi d-dħul finanzjarju minn siti amministrati minn Heritage Malta f'Malta u Għawdex maqsuma skont is-sit, fil-perjodu bejn Jannar 2018 u April 2023 maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9499;

P.L. 1880 Tabella li turi tagħrif dwar dħul minn attivitajiet privati f'siti amministrati minn Heritage Malta f'Malta u Għawdex maqsuma skont is-sit, fil-perjodu bejn Jannar 2018 u April 2023 maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9500;

f'isem il-Prim Ministru, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1881 Kopja tal-*Manual of Allowances* maħruġ mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni fid-9 ta' Jannar 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9554;

P.L. 1882 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Aġenzija Servizz.gov għas-sena 2022;

P.L. 1883 Pubblikazzjoni Annwali għas-sena 2022 bl-isem *Għas-Servizz Tiegħek* tal-Aġenzija Servizz.gov;

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1884 Ħames ritratti li juru l-messaġġi li jintwerew fuq l-iscreens elettroniċi tat-traffiku li huma installati fit-toroq madwar Malta, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9718;

f'isem il-Ministru għal Għawdex qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1885 Tabella li turi informazzjoni dwar proġetti u programmi/inizjattivi f'Għawdex kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea li għaddej ix-xogħol fuqhom jew għadhom għaddejjin, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9273;

P.L. 1886 Tabella li turi informazzjoni dwar l-allokazzjoni ta' fondi mill-Fond għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi 2021, li ngħataw lil Kaċċaturi San Ubertu (KSU), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9904;

P.L. 1887 Tabella li turi informazzjoni dwar l-allokazzjoni ta' fondi li ngħataw lill-Federazzjoni Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) fil-perjodu bejn Settembru 2021 u Marzu 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9906.

P.L. 1888 Tabella li turi informazzjoni dwar l-allokazzjoni ta' fondi mill-Fond għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi li ngħataw lill-Federazzjoni Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) fis-snin bejn l-2016 u l-2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9907.

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1889 Tabella li turi informazzjoni dwar binjiet li huma mikrija lill-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni maqsuma skont l-entità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9331.

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1890 Rapport Annwali tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) għas-sena 2022.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1891 Tabella li turi tagħrif dwar il-monitoraġġ kontinwu għall-benżin u għad-dijossidu tan-nitroġenu fl-arja maqsuma skont il-lokalità għas-snin bejn l-2017 u l-2020, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9473; u

P.L. 1892 Rapport bl-isem *Legal Report, Enemalta p.l.c. Mozura Windfarm Project* datat 28 ta' Jannar 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9719.

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1893 Lista li turi tagħrif dwar l-applikazzjonijiet li l-Awtorità tal-Ippjanar irċeviet fuq is-sistema online tal-iskema *Irrestawra Darek* tal-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9446;

P.L. 1894 Guidance Notes għar-Restoration Grant Scheme bl-isem *Irrestawra Darek 2023* (IDGS23), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9468;

P.L. 1895 Tabella li turi tagħrif dwar applikazzjonijiet li ġew sottomessi mal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA fil-perjodu bejn Jannar 2010 sa Ġunju 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9644;

P.L. 1896 Tabella li turi n-numru ta' kontribuzzjonijiet għal Commuted Parking Payment Scheme (CPPS) jew l-Urban Improvement Fund (UIF), tabella li turi n-numru ta' parkeġġi u tabella li turi l-valur tal-kontribuzzjonijiet dovuti maqsuma skont il-lokalità fil-perjodu bejn Jannar 2010 u Ġunju 2013, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9645;
***(Ara dokument Nru. 1907 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 133 tat-Tlieta, 13 ta' Ġunju 2023)***

P.L. 1897 Lista tal-ħinijiet tas-sottomissjonijiet tal-applikazzjonijiet fl-iskema *Irrestawra Darek 2023*, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9784.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1898 Lista tal-aktar kawża antika għada ma nqatgħatx f'kull Qorti, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9121.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Onor. Carmelo Abela, President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt, irrapporta li l-Abbozz Nru 55 - Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Logħob - kien għadda mill-istadju ta' Kumitat mingħajr emendi.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Il-Kamra qablet li għandu jitressaq it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Abbozz 51) li kien jidher bħala l-ewwel item fuq l-Ordnjiet tal-Ġurnata u t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Logħob (Abbozz 55) li kien għadu kif sar rapport dwaru mill-President tal-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA – ABBOZZ NRU 51**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja.

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kap. 291" inqara t-tielet darba u għadda.

**ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-LOGĦOB – ABBOZZ NRU 55**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, f’isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Logħob.

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Logħob, Kap. 583” inqara t-tielet darba u għadda.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Il-Kamra qablet li titressaq mozzjoni mingħajr avviż.

**152. MOZZJONI DWAR ĦATRA TEMPORANJA TA’ DEPUTY SPEAKER**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona:

Illi ai termini tal-Ordni Permanenti 151, sakemm il-Parlament jieqaf għall-ferjat tas-Sajf 2023, f’każ ta’ assenza tal-Ispeaker u tad-Deputy Speaker, l-Onor. Michael Farrugia għandu jippresjedi l-Kamra.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**MOZZJONIJIET**

**149. ESTIMI TA’ DĦUL U NFIQ TAL-KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA GĦAS-SENA FINANZJARJA 2023**

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli, ippproponiet:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena finanzjarja mill-1 ta’ Jannar 2023 sal-31 ta’ Diċembru 2023, skont l-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Kap. 355.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, issekonda.

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li d-diskussjoni fuq din il-mozzjoni kellha tieħu seduta waħda bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bil-ftuħ u l-għeluq mill-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Miriam Dalli, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Ivan Castillo, l-Onor. Graziella Galea, l-Onor. Romilda Zarb, l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Alicia Bugeja Said u l-Onor. Ray Abela.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1899 Korrezzjoni għal paġna 50 tar-Rapport Annwali għas-sena 2022 u Estimi Finanzjarji tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena 2023 li ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta 131 tas-6 ta’ Ġunju 2023.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Mark Anthony Sammut, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1900 Artiklu li deher fis-sit online ta' The Shift fil-21 ta' Diċembru 2022 bl-isem '€400,000 a year for Miriam Dalli canvassers, in breach of OPM rules';

P.L. 1901 Artiklu li deher fis-sit online ta' The Shift fis-7 ta' Ġunju 2023 bl-isem 'Labour reporter on WasterServ's payroll complains she doesn't have a warrant'; u

P.L. 1902 Artiklu li deher fis-sit online ta' The Shift fis-2 ta' Marzu 2023 bl-isem 'What ministerial code of ethics? Dalli makes Galdes' wife a WasteServ director'.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Ivan Castillo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1903 Artiklu li deher fuq is-sit newsbook.com.mt fit-8 ta' Mejju 2019 bl-isem 'Water Services Corporation is prepared for the increase in population - Mizzi';

P.L. 1904 Artiklu li deher fuq is-sit maltatoday.com.mt fl-10 ta' Mejju 2023 bl-isem 'Malta among top European countries facing water shortage risks, study finds'; u

P.L. 1905 Artiklu li deher fis-sit online ta' The Shift fl-1 ta' Settembru 2021 bl-isem 'Hydrologist sounds alarm bells over Malta' fragile water supply, cites 'phenomenal' increase in water demand'.

Meta d-Deputy Speaker, għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta tat-28 ta' Ġunju 2023 skont ftehim milħuq fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2023.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 13 ta' Ġunju 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 20) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 47) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Fornituri ta' Servizzi ta' Finanzjamenti Kollettivi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Tielet Qari |
| Estimi ta' Jobsplus għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Patrimonju Malta u Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Riżoluzzjoni dwar Trasferiment ta' Proprjetà – Ex Edible Oil Site | Votazzjoni |
| Riżoluzzjoni dwar Trasferiment ta' Proprjetà fi Triq l-Imdina ġewwa Ħaż-Żebbuġ | Votazzjoni |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Cressida Galea.

Fis-7.23 p.m. id-Deputy Speaker, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 13 ta’ Ġunju 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**